MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 126/2002/1

**Joseph Lia**

**Vs**

**Joseph Sciberras**
**u Patricia Theresa Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess attur is-somma ta' tlett elef seba' mija u tnejn u sebghin lira (Lm3772) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar prezz ta' vettura tal-marka Subaru Sambar numru tar-registrazzjoni GAO-394 mibjugha u kkonsenjata mill-attur lill-konvenuti.

Bl-imghax legali mill-24 ta' Awissu 1998 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Settembru 2001, tal-mandat ta' qbid numru 287/02, tal-mandat tal-

sekwestru numru 28/02 u tal-ittra ufficjali b'hames notifiki lis-sekwestratarji pprezentata mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 8 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok, l-azzjoni ta' l-attur hija ntempestiva u dan stante illi l-konvenut kien informa lill-attur illi huwa kellu problemi finanzjari u ghal ftit zmien kien se jieqaf milli jaffettwa l-pagamenti relattivi;
2. Illi fit-tieni lok, l-ammont dovut huwa ferm inqas minn dak pretiz mill-attur u dan kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat dak verbalizzat a fol 15 ibid waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2003 minn fejn jidher li Joseph Vella ghall-attur informa lil din il-Qorti li l-ammont dovut mill-konvenuti kien, <u>sas-26 ta' Gunju 2002</u>, jammonta ghal <u>Lm3583</u>.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Joseph Vella</u> (fol 17 u fol 30 tal-atti) spjega illi <u>wara</u> l-presentanta tal-avviz in esami, l-konvenuti kienu hallsu Lm100 mill-ammont pretiz fl-istess avviz, liema pagament akkont kien gie effettwat fis-26 ta' Gunju 2002. Ghalhekk ix-xhud ikkonferma li l-konvenuti kien ghad fadlilhom bilanc ta' Lm3583 dovut minnhom mill-prezz tal-vettura mibjugha u konsenjata lilhom. Inoltre x-xhud esebixxa <u>kopja ta' ittra</u> bid-data tal-21 ta' Frar 2001 u li ntbaghtet mill-konvenuti fejn dawn kienu spjegaw x'kienet il-problema taghhom il-ghala kien hemm arretrati fil-pagamenti tal-istess somma. Ulterjorment hu esebixxa, ukoll, <u>kopja tal-ftehim</u> ta' "hire purchase" datat fl-24 ta' Awissu 1998 bejn il-partijiet involuti u li jirreferu ghall-akkwist da parti tal-konvenuti tal-vettura numru GAO – 394, u dan bil-prezz ta' Lm4240 "plus charges and

incidentals“ (ara fol 21 ibid). Dwar il-pagamenti, x-xhud semma li kien hemm “xi numru ta’ “cheques” li ma gewx onorati, b’wiehed minn dawn mehud lura mill-istess konvenut. Dejjem b’referenza ghall-pagamenti li saru mill-konvenuti, l-istess xhud esebixxa l-prospett li jinsab a fol 76 u li permezz tieghu gew indikati l-pagamenti li saru bid-dati rispettivi, l-ammont ta’ imghax li akkumula, il-bilanc dovut kif ukoll in-numru ta’ kull ircevuta.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut spjega illi hu kien hallas “elfejn lira Maltin (Lm2000) … jew circa” mill-prezz tal-vettura akkwistata mill-konvenut. Dwar l-istess pagamenti hu esebixxa wiehed u ghoxrin (21) ircevuta (ara fol 36 et seq ibid). Inoltre sema’ li kien hallas, ulterjorment, l-import ta’ zewg kambjalijiet li kienu nghataw lura lilu (ara fol 72 u fol 73). Filfatt permezz ta’ prospett esebit minnu u li jinsab a fol 70 ibid, hu jsostni li b’kollox kien hallas akkont ta’ Lm2053.50 u dan a basi tal-istess ircevuti u kambjalijiet li ghadhom kemm issemmew.

Ikkunsidrat

Illi jidher mill-prospett esebiti rispettivament mill-konvenuti a fol 70 u mill-attur a fol 75 u 76 illi l-attur kwazi qed jaqbel dwar il-pagamenti li saru mill-konvenuti. Difatti kif hemm dikjarat fin-nota tieghu mill-istess attur “l-uniku ammont li ma jaqbilx mieghu huwa dak ta’ Lm118.50 allegatament maghmul f’Awissu 1998. Presumibilment dan l-ammont hu dak li ghalih hemm referenza fil-kambjala a fol 72 tal-atti, liema kambjali giet esebita mill-istess konvenut. In vista li din kienet fil-pussess tal-istess konvenuti, ghandu jigi presunt li kien sar il-pagament taghha tenut kont ukoll li fuqha hemm imnizzel li hi “paid” bid-data tal-10 ta’ Novembru 1998.

Ghalhekk il-Qorti tara, li fuq dan il-punt, il-konvenut ghandu ragun jsostni li dan l-ammont kien effetivament imhallas minnu fid-data indikata.

Illi, pero’, il-konvenuti, kif jidher mill-istess atti kien waqa’ lura fil-pagamenti bl-ahhar wiehed jigi effettivat fis-26 ta’ Gunju 2002. Bhala konsegwenza ta’ dan, il-konvenuti inkorrew u ghadhom qed jinkorru imghaxijiet fuq il-bilanc tal-prezz ghadu dovut. Mill-kalkoli li saru mill-Qorti jidher li dan il-bilanc mill-prezz li ghadu dovut jammonta ghall-prezz originali ossija Lm4240 u minnu ghandu jitnaqqas dak imhallas mill-konvenuti ossija Lm2053.50. Ghalhekk il-bilanc dovut mill-konvenuti ghandu jkun Lm2186.50. Ma dan ghandu jinghad l-imghax kollu akkumulat “a scaletta” mill-24 ta’ Awissu 1998 sakemm jsir il-pagament finali, liema imghax ghandu jigi kalkolat a basi tal-pagamenti kif specifikati fil-prospett sottomess mill-konvenuti, li jinsab a fol 70 tal-atti, liema prospett ghandu jigi konsiderat bhala formanti parti minn din is-sentenza ghal dan il-ghan.

Ikkunsidrat

Illi jinghad illi l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenut bl-ebda mod ma hi accettabli fuq basi legali u ghalhekk din l-azzjoni ma tistax tigi konsiderat bhala intempestiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa it-talba tal-attur kif hawn fuq premess u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attur is-somma ta’ Lm2086.50 bl-imghax legali ”a scaletta” kif hemm fuq spjegat mill-24 ta’ Awissu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tal-17 ta’ Settembru 2001 tal-mandat ta’ qbid numru 287/02, tal-mandat ta’ sekwestru numru 288/02 u tal-ittra ufficjali b’hames notifiki lis-sekwestratarju, tat-13 ta’ Frar 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------